Verżjoni Elettronika

A.L. 48 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Livell Minimu Globali ta' Tassazzjoni għal Gruppi ta' Intrapriżi Multinazzjonali u Gruppi Domestiċi fuq Skala Kbira fl-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Livell Minimu Globali ta' Tassazzjoni għal Gruppi ta' Intrapriżi Multinazzjonali u Gruppi Domestiċi fuq Skala Kbira fl-Unjoni Ewropea u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Livell Minimu Globali ta' Tassazzjoni għal Gruppi ta' Intrapriżi Multinazzjonali u Gruppi Domestiċi fuq Skala Kbira fl-Unjoni Ewropea, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 123.212.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Skont is-subregolament (1)," għandhom jiġu mħassra u l-kliem "għandhom ikunu eżentati mill-preżentata obbligu msemmi fir-regolament 5(2):" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandhom ikunu eżentati mill-obbligu tal-preżentata msemmi fir-regolament 5(2) u mill-obbligu tan-notifika msemmi fir-regolament 5(4).";

(b) il-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.